6 ta' Novembru, 1953

Imħallfin :—

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Maria Micallef *versus* Giuseppe Micallef**

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Hanut — Art. 13 tal-Kap. 109.**

*Jekk post jiġi mikri u s-sid jagħti lill-inkwilin il-kunsens li jużah tant għall-abitazzjoni kemm ukoll biex fih jeżerċita xi sengħa, u l-inkwilin, bis-saħħa ta' dak il-kunsens espress tas-sid, jottjeni l-permess tal-Pulizija biex jeżerċita fil-post is-sengħa tiegħu, u fil-fatt ikun eżerċitaha, il-fond huwa protett mill-Liġi tal-Kera bħala hanut; u allura mhux importanti fil-każ l-eżami jekk il-fond huwiex prinċipalment "dwelling house" jew "shop". U s-sid ma jistax jitlob ir-ripreża tal-pussess ta' dak il-fond.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors ta' Maria Calleja quddiem il-Board li jirregola l-Kera, fejn talbet biex terġa' tieħu taħt idejha t-terran nru. 175 Sammat Street, Hal Tarxien, mikri lill-intimat Giuseppe Micallef, għax tridu biex tmur toqgħod fih hi, waqt li bħala "alternative accommodation" offriet il-post nru. 65 Carmel Street, Hal Tarxien ukoll;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dak il-Board fis-6 ta' Lulju 1953, li biha ġiet miċħuda t-talba, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi l-post mikri lill-intimat iservi tant għall-abitazzjoni ta' l-intimat u tal-familja, kemm biex jeżerċita fih is-sengħa ta' skarpar. Mhux importanti f'dal-każ li jsir l-eżami jekk il-fond hux prinċipalment "dwelling house" jew "shop"; għax l-intimat, meta kera l-post, kellu l-kunsens tas-sid biex fih jeżerċita s-sengħa ta' skarpar; u ladarba jeżisti dan il-kunsens espress, u l-intimat uniforma ruħu mal-liġi billi ottjena l-permess tal-Pulizija biex jista' jeżerċita dik is-sengħa tiegħu, il-fond huwa protett skond section 13 tal-Kap. 109 Edizzjoni Riveduta LL. ta' Malta, u r-rikorrenti ma tistax titlob ir-ripreża tal-pussess tiegħu;

Rat ir-rikors ta' l-imsemmija Maria Calleja quddiem din il-Qorti, fejn talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revo-

kata, u li tiġi milqugħa t-talba tagħha;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-post imsemmi fir-rikors jinsab b'kera għand l-appellat Giuseppe Micallef mill-1 ta' Jannar 1947, u mill-bidu huwa, bil-permess tas-sid, beda jeżerċita fil-post il-mestjer ta' skarpar, u għal dan l-iskop ottjena l-liċenza tal-Pulizija. Minn dak iż-żmien sal-lum huwa baqa' jeżerċita dak il-mestjer fl-imsemmi post, fejn għandu l-makni u l-ordenji l-oħra neċessarji, u ssospenda biss milli jaħdem għal ċirka sena u nofs imħabba li kien affett minn inkonvenjent li minħabba fih ma kienx jista' joqgħod bilqegħda, u billi kellu xi tbajja f'idejgħ u beża' li bix-xogħol iniġġishom;

Ikkunsidrat;

Illi ladarba, meta ġiet pattwita l-lokazzjoni, ġie espressament *miftihem li l-inkwilin seta'* jeżerċita fil-post il-mestjer ta' skarpar — dak li huwa għamel għal żmien twil bil-permess tal-Pulizija — il-fond jinsab protett mid-dispożizzjoni ta' l-art. 13 ta' l-Ordinanza nru. XXI ta' l-1931 (Kap. 109), u l-appellanti ma tistax titlob ir-ripreża tal-pussess tiegħu, kif sewwa rritjena l-Board;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellanti Maria Calleja.